



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2018/2035(INI)**

27.3.2018

# **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar strateġija Ewropea għall-plastik f'ekonomija ċirkolari  
(2018/2035(INI))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Mark Demesmaeker

**WERREJ**

**Pàgna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	3
NOTA SPJEGATTIVA.....	8

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar strateġija Ewropea għall-plastik f'ekonomija ċirkolari (2018/2035(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0000/2018),
- A. billi l-plastik huwa materjal ta' valur li huwa utli għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna;
- B. billi l-mod li bih huwa prodott u użat il-plastik illum għandu żvantaġġi devastanti fir-rigward tal-ambjent, il-klima u l-ekonomija, u potenzjalment għandu impatt fuq is-saħħa;
- C. billi dawn l-iżvantaġġi jiġġeneraw tħassib għall-pubbliku ġenerali u jattiraw l-attenzjoni mifruxa tal-mezzi tax-xandir;
- D. billi l-momentum politiku attwali għandu jintuża biex issir tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari tal-plastik;

#### **Punti ġenerali**

1. Jilqa' l-komunikazzjoni ta-l-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018)0028) bħala pass 'il quddiem lejn il-ġestjoni tal-plastik b'mod sostenibbli tul il-katina tal-valur kollha u b'hekk isir kontribut fit-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija ċirkolari;
2. Jemmen li huwa essenzjali li l-ġenerazzjoni tal-iskart tal-plastik għandha tiġi impedita bil-quddiem u li għandha tingħata spinta lill-prestazzjoni tagħna fir-riċiklaġġ tal-plastik; jistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jikkunsidraw il-projbizzjoni Ċiniża fuq l-importazzjoni tal-iskart tal-plastik bħala opportunità biex isir investiment f'kapaċità ta' riċiklaġġ tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fl-UE;
3. Huwa konvint li l-istrateġija dwar il-plastik għandha sservi bħala lieva biex jiġu stimulati mudelli ta' negozju, produzzjoni u konsum ġodda, intelliġenti u ċirkolari li jkopru l-katina tal-valur kollha; jistieden lill-Kummissjoni biex, għal dan il-għan, trawwem rabtiet ċari bejn il-politiki tal-Unjoni fir-rigward tal-iskart, il-kimiki u l-prodotti;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi politika għal wara l-2020 għall-ekonomija ċirkolari bbażata fuq pilastru sod ta' riċerka u innovazzjoni, u tiżgura li l-impenji meħtieġa jsiru disponibbli fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) il-ġdid;
5. Jenfasizza li l-plastik huwa varjat u jista' jiġi applikat b'diversi modi, u li għaldaqstant huwa meħtieġ approċċ imfassal apposta u speċifiku għall-prodott għad-diversi ktajjen tal-valur, biex b'hekk jitqiesu l-esiġenzi lokali u reġjonali u jiġi żgurati li l-ħtiġijiet funzjonali tal-konsumaturi jiġu ssodisfati;

6. Jisħaq fuq il-punt li huma neċessarji azzjonijiet konġunti mill-partijiet ikkonċernati kollha bl-għan li jkun hemm suċċess u jinkiseb eżitu li huwa ta' vantaġġ kemm għall-ekonomija kif ukoll għall-ambjent; jenfasizza li l-bidla tat-tħassib ġenerali dwar l-iskart tal-plastik f'responsabbiltà pubblika u l-bidla fl-imġiba għadhom jikkostitwixxu sfida ugwalment importanti;

### **Mid-disinn għar-riċiklaġġ għad-disinn għaċ-ċirkolarità**

7. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiżguraw li l-*acquis* kollu relatat mal-iskart jiġi implimentat bis-sħiħ;
8. Jistieden lill-partijiet ikkonċernati tal-industrija jwettqu azzjonijiet konkreti sabiex, sal-2030, jiġi żgurat li l-imballaġġ tal-plastik kollu jkun jista' jiġi riċiklat jew użat mill-ġdid, jassoċjaw l-identità tad-ditta tagħhom ma' mudelli ta' negozju sostenibbli u ċirkolari u jużaw is-saħħa tagħhom fis-suq biex jipromwovu u jmexxu xejriet ta' konsum sostenibbli u ċirkolari;
9. Jemmen li s-soċjetà ċivili għandha tkun kapaċi żżomm l-industrija responsabbli għall-impenji tagħha; jitlob lill-Kummissjoni biex dan tqisu fil-"Patt Ġdid għall-Konsumaturi" li ġej;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta aġġornament tar-rekwiżiti essenzjali fid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ, u tindirizza b'mod partikolari l-prevenzjoni, id-disinn li jiffavorixxi ċ-ċirkolarità u l-imballaġġ żejjed;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi "iċ-ċirkolarità l-ewwel" bħala prinċipju fundamentali, li jkun japplika wkoll għall-oġġetti ta' plastik li ma jintużawx għall-imballaġġ, bl-iżvilupp ta' standards tal-prodott u bir-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv dwar l-ekodisinn;

### **Il-ħolqien ta' suq uniku ġenwin għall-plastik riċiklat**

#### *L-istandards tal-kwalità u l-verifika*

12. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr standards ta' kwalità bl-għan li tibni l-fiduċja u tinċentiva s-suq għal plastik sekondarju; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa diversi gradi ta' riċiklaġġ li huma allinjati bil-funzjonalità ta' prodotti differenti, filwaqt li tissalvagwardja s-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel;
13. Jitlob lill-Kummissjoni titgħallem mill-aħjar prattiki b'ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi indipendenti, peress li l-verifika hija essenzjali sabiex tiżdied il-fiduċja fis-suq;

#### *Kontenut irriċiklat*

14. Jitlob lill-atturi industrijali kollha jibdlu l-impenji pubbliċi tagħhom biex iżidu l-użu tal-plastik riċiklat f'impenji formali u biex iwettqu azzjonijiet konkreti;
15. Jemmen li regoli obligatorji dwar il-kontenut riċiklat għal prodotti speċifiċi jistgħu jkun meħtieġa biex tingħata spinta lill-użu ta' materja prima sekondarja;
16. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

(VAT) speċifika għal prodotti li jkun fihom kontenut irriċiklat;

#### *Akkwist ċirkolari*

17. Jenfasizza li l-akkwist għandu s-setgħa li jixpruna l-innovazzjoni fil-mudelli ta' negozju; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi netwerk ta' taġlim tal-UE dwar l-akkwist ċirkolari sabiex tiġbor it-taġlimiet miksuba minn proġetti pilota; jemmen li azzjonijiet volontarji jistgħu jwittu t-triq għal regoli vinkolanti dwar l-akkwist pubbliku ċirkolari;

#### *Interfaċċa tal-iskart ta' sustanzi kimiċi*

18. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jottimizzaw il-kontrolli fuq il-materjali importati sabiex jiżguraw u jinfurzaw il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi u dwar il-prodotti;
19. Jemmen li l-preżenza ta' sustanza ta' tħassib ma għandhiex tkun ġustifikazzjoni ġenerali għall-preklużjoni tar-riċiklaġġ ta' flussi ta' skart għall-applikazzjonijiet speċifiċi, definiti tajjeb u sikuri, peress li din tista' toħnoq l-innovazzjoni u tiskoraġġixxi l-potenzjal tar-riċiklaġġ favur l-inċinerazzjoni;

### **Prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-plastik**

#### *Plastik b'użu uniku*

20. Jinnota li għad m'hemm l-ebda soluzzjoni biex jiġu indirizzati l-effetti dannużi ta' plastik b'użu uniku, u jemmen li taħlita ta' miżuri volontarji u regulatorji huma għalhekk meħtieġa biex tissolva din il-kwistjoni kumplessa;
21. Jieħu nota tal-azzjonijiet li diġà ttieħdu f'uħud mill-Istati Membri, u għalhekk, jappoġġa lill-Kummissjoni li pproponiet qafas leġiżlattiv speċifiku dwar plastik b'użu uniku bl-għan li twaqqaf il-ġenerazzjoni ta' skart marittimu fl-UE u b'hekk tikkontribwixxi għall-oġettiv tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli sabiex li jiġi evitat u jitnaqqas b'mod sinifikanti t-tniġġis marittimu ta' kull tip;
22. Jemmen li huwa importanti li dan il-qafas joffri set ta' miżuri lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri li huwa kompatibbli mal-integrità tas-suq uniku, li jipproduċi impatt ambjentali tanġibbli u pożittiv u jipprovdi l-funzjonalità meħtieġa għall-konsumaturi;
23. Jenfasizza li hemm diversi modi kif jistgħu jintlaħqu rati għoljin ta' ġbir u riċiklaġġ u tnaqqis fl-iskart, inkluż permezz ta' skemi ta' rifużjoni tad-depożitu jew skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur; jissottolinja li l-għażla ta' skema partikolari tibqa' fi ħdan il-kompetenza tal-awtorità kompetenti tal-Istati Membri, li tista' tqis l-ispeċifiċitajiet lokali u tiżgura li ma tiġi ppreġudikata l-ebda sistema eżistenti li taħdem sew u li hija kosteffiċjenti;
24. Jissottolinja li l-politika fiskali tibqa' l-kompetenza tal-Istati Membri, u jopponi l-introduzzjoni ta' taxxa tal-plastik li tkun applikabbli għall-UE kollha bħala fluss potenzjali ta' riżorsa proprja tal-UE;

## *Plastik organiku*

25. Jappoġġa bil-qawwa lill-Kummissjoni għall-preżentazzjoni ta' regoli armonizzati ċari kemm dwar il-kontent b'bażi organika kif ukoll dwar il-bijodegradabbiltà bl-għan li tindirizza l-ideat żbaljati u n-nuqqas ta' fehim dwar il-plastik organiku;
26. Jenfasizza l-importanza tal-valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja sabiex jintwera impatt ambjentali mnaqqas għall-plastik organiku kollu;
27. Jenfasizza li l-plastik bijodegradabbli jista' jgħin biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, iżda mhumiex rimedju universali għall-iskart marittimu; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiżviluppa lista ta' prodotti u applikazzjonijiet utli magħmula minn plastik bijodegradabbli, flimkien ma' kriterji ċari;
28. Jenfasizza li l-plastik ibbażat fuq prodotti bijoloġiċi joffri potenzjal għal differenzjazzjoni parzjali tal-materja prima, u jappella għal aktar investiment fir-riċerka u l-iżvilupp f'dan ir-rigward;
29. Jappella għal projbizzjoni fuq plastik ossodegradabbli, peress li dan it-tip ta' plastik mhumiex bijodegradabbli b'mod sikur, u għalhekk jonqos milli jagħti prova ta' benefiċċju ambjentali;

## *Mikroplastik*

30. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi projbizzjoni fuq il-mikroplastik li huma miżjuda intenzjonalment fi prodotti, bħal kożmetiċi u prodotti tat-tindif, u li jeżistu alternattivi vijabbli għalihom;
31. Jistieden lill-Kummissjoni tistabilixxi rekwiżiti minimi fil-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti biex tnaqqas b'mod sinifikanti r-rilaxx ta' mikroplastiks mis-sors, b'mod partikolari fir-rigward tat-tessuti, tajers, żebgħa u loqom tas-sigaretti;
32. Jieħu nota tal-prattika tajba ta' "Operation Clean Sweep" u tal-inizjattiva 'l-ebda telf ta' gerbub ("zero pellet loss") tal-Port ta' Antwerp; jemmen li hemm lok li inizjattiva bħal din tiġi replikata fil-livell tal-UE u dak globali;
33. Jistieden lill-Kummissjoni tfittex dwar is-sorsi, id-distribuzzjoni, id-destin u l-effetti kemm tal-mikroplastiks kif ukoll tal-makroplastiks fil-kuntest tal-ġestjoni tal-ilma tal-maltemp fil-kontrolli attwali dwar l-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar l-Għargħar;

## **Innovazzjoni**

34. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li se tiġi investita s-somma addizzjonali ta' EUR 100 miljun sabiex tixpruna l-investiment lejn soluzzjonijiet ċirkolari taħt Orizzont 2020; jappoġġa l-iżvilupp ta' Aġenda Strateġika ta' Riċerka u Innovazzjoni dwar il-plastik bħala gwida għal deċiżjonijiet futuri ta' finanzjament;

## **Azzjoni Globali**

35. Jistieden lill-UE jkollha rwol proattiv fl-iżvilupp ta' Protokoll Globali dwar il-Plastik, u

biex tiżgura li d-diversi impenji li saru kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell globali jkunu jistgħu jiġu ssorveljati b'mod integrat u trasparenti;

36. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jiskrutinizaw il-prattiki interni tagħhom dwar il-ġestjoni tal-iskart tal-plastik u jiffokaw dwar il-prevenzjoni, flimkien mal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS);
37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

### It-trasformazzjoni ta' żoni ta' skart mimlija plastik f'għelieqi tad-deheb

*Opportunitajiet ċirkolari għall-ambjent, il-klima u l-ekonomija tagħna*

#### **1. Il-kwistjoni x'inhi?**

Il-plastik huwa **materjal ta' valur** u importanti u għandu utilità kbira għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna; Madankollu, il-mod li bih il-plastik qed jiġi prodott u użat illum la huwa affordabbli u lanqas sostenibbli. Il-plastik ġie żviluppat biex iservi b'mod perpetwu, iżda spiss jiġi ddisinjat biex jintrema wara li jintuża. Barra minn hekk, il-għbir tal-plastik għar-riċiklaġġ għadu baxx ħafna. Minn madwar 25,8 miljun tunnellata ta' skart tal-plastik iġġenerat fl-UE ta' kull sena jinġabar inqas minn 30 % għar-riċiklaġġ. Dan għandu żvantaġġi sinifikanti:

- 1) **Telf għall-ambjent:** l-iskart tal-plastik għandu impatt partikolarment devastanti fuq l-ekosistemi marittimi u jirrappreżenta 80 % tal-iskart marittimu. Kull sena bejn 150 000 u 500 000 tunnellata ta' skart tal-plastik jispiċċaw fl-ibħra u fl-oċeani tal-UE. Barra minn hekk, bħala medja, ta' kull sena fl-UE jintremew bejn 75 000 u 300 000 tunnellata ta' mikroplastik fl-ambjent;
- 2) **Telf għall-klima:** studji wrew li r-riċiklaġġ ta' 1 miljun tunnellata ta' plastik jiswa daqslikieku jitneħħew 1 miljun karozza mit-toroq<sup>1</sup>;
- 3) **Telf għall-ekonomija tagħna:** l-istimi juru li 95 % tal-valur tal-materjal tal-imballaġġ tal-plastic joħroġ mill-ekonomija u jwassal għal rata ta' telf annwali ta' bejn €70 u €105 biljun;
- 4) **Impatt potenzjali fuq is-saħħa:** il-mikroplastiks u l-prodotti sekondarji tagħhom jistgħu jidħlu wkoll fil-katina tal-ikel, u l-effetti ta' dan fuq saħħet il-bniedem għad mhumiex konklużivi.

Issa hemm **momentum politiku** ġenwin sabiex tiġi promossa bidla trasformattiva u tranżizzjoni lejn **ekonomija ċirkolari tal-plastik**. Fil-fatt id-deċiżjoni reċenti taċ-Ċina li tipprojbixxi l-importazzjoni ta' skart tal-plastik iġġiegħel lill-UE tieġu azzjoni. Ir-rapporteur jemmen bis-sħiħ li l-UE għandha tikkunsidra din il-projbizzjoni bħala opportunità tinvesti u tkun innovattiva minn ġewwa, u tieqaf milli "testernalizza" l-problema tal-iskart tal-plastik tagħna.

Il-momentum politiku huwa **appoġġat wkoll miċ-ċittadini tal-Ewropa**. Stħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru juri biċ-ċar li l-maġġoranza assoluta ta' dawk li wieġbu (87 %) jaqblu li huma imħassba dwar l-impatt tal-prodotti tal-plastik fl-ambjent<sup>2</sup>.

Il-pubblikazzjoni tal-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni** dwar "Strateġija Ewropea għal Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" hija għalhekk f'waqtha u **milqgħuha** mir-rapporteur. Ir-rapporteur jiġbed l-attenzjoni għall-**ħames sfidi ġenerali** li ġejjin:

- Jeħtieġ li niġġestixxu l-plastik b'mod sostenibbli matul il-katina tal-valur kollha;
- L-Istrateġija għandha tmur lil hinn minn materjali għall-imballaġ sostenibbli, u għandha sservi bħala lieva biex jiġu stimolati mudelli ta' negozju u konsum ġodda, intelliġenti u ċirkolari li jkopru l-katina tal-valur kollha;

<sup>1</sup> Jekk jogħġbok ara [http://presse.ademe.fr/wp-content/uploads/2017/05/FEDEREC\\_ACV-du-Recyclage-en-France-VF.pdf](http://presse.ademe.fr/wp-content/uploads/2017/05/FEDEREC_ACV-du-Recyclage-en-France-VF.pdf)

<sup>2</sup> Ewrobarometru Speċjali 468, "L-attitudnijiet taċ-ċittadini tal-Ewropa lejn l-ambjent", Ottubru 2017.



- Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi politika ta' wara l-2020 għall-ekonomija ċirkolari bbażata fuq riċerka u innovazzjoni robusta;
- Il-Plastik għandu għadd kbir ta' applikazzjonijiet u għalhekk minflok soluzzjoni b'approċċ ta' universalità ("one-size-fits-all"), jeħtieġ approċċ imfassal apposta, ħafna drabi speċifiku għall-prodott;
- Impenji u azzjonijiet konġunti mill-partijiet interessati kollha, inkluż kollaborazzjoni transsettorjali, tul il-katina tal-valur, huma meħtieġa, u jeħtieġ li nibdlu t-tħassib dwar l-iskart tal-plastik f'responsabbiltà pubblika;

## **2. X'hemm bżonn li jsir?**

### **2.1 Mid-disinn għar-riċiklaġġ għad-disinn għaċ-ċirkolarità**

Kollox jibda minn ġestjoni tajba tal-iskart u tal-materjal. L-ewwel pass fundamentali huwa l-**implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-acquis kollu dwar l-iskart**, inkluż it-titjib sinifikanti introdott mill-adozzjoni reċenti tar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart, mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jappoġġa l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li **sal-2030, il-plastik għall-imballaġ kollu li jitqiegħed fis-suq Ewropew jiġi użat mill-ġdid jew ikun riċiklabbli**. Il-partijiet interessati kollha tal-industrija għandhom iwettqu azzjonijiet konkreti sabiex din l-ambizzjoni titqiegħed fil-prattika, mhux biss għall-imballaġġ għall-konsumaturi iżda wkoll għas-settur minn negozju għal negozju, u għandhom jassoċjaw l-identità tad-ditta tagħhom ma' mudelli ta' negozju sostenibbli u ċirkolari.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jemmen li s-soċjetà ċivili għandha rwol importanti biex iżżomm l-industrija responsabbli għall-impenji tagħha, u jqis il-**"Patt Ġdid għall-Konsumaturi"** li jmiss bħala qafas ideali biex dan jitwettaq. Huwa jqis l-eżempju Netherlandiż ta' "Punt ta' Kuntatt għall-Imballaġġ" ("Meldpunt Verpakkingen") bħala mudell interessanti u rilevanti li jista' jiġi replikat fi Stati Membri oħra, peress li dan jinvolvi lill-konsumaturi u jinċentiva lill-industrija biex tagħmel l-imballaġġ aktar sostenibbli<sup>1</sup>.

Ir-rapporteur jappoġġa bil-qawwa l-ħsieb tal-Kummissjoni li tipproponi **aġġornament tar-rekwiżiti essenzjali** fid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ (PPWD). Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi "iċ-ċirkolarità l-ewwel" bħala prinċipju fundamentali, li għandu japplika wkoll għall-oġġetti ta' **plastik li ma jintużawx għall-imballaġġ**, bl-iżvilupp ta' standards tal-prodott u bir-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv dwar l-Ekodisinn;

### **2.2 Il-ħolqien ta' Suq Uniku ġenwin għall-plastik riċiklat**

L-użu tal-plastik riċiklat fi prodotti għadu baxx: madwar 6 % biss skont iċ-ċifri tal-Kummissjoni. Ir-rapporteur jikkunsidra **erba' moduli ewlenin għall-ħolqien ta' suq uniku ġenwin għall-plastik sekondarju**.

#### **1) L-istandards tal-kwalità u l-verifika**

Bħalissa hemm diskrepanza bejn il-kwalità tal-plastik riċiklat u l-kwalità meħtieġa għall-funzjonalità ta' prodott partikolari. Dan huwa minħabba nuqqas ta' fiduċja, verifika u

<sup>1</sup> <https://meldpuntverpakkingen.nl/>

trasparenza. F'dan ir-rigward huma essenzjali l-iżvilupp ta' **gradi ta' riċiklaġġ li jikkorrispondu għall-funzjonalità ta' diversi prodotti**, kif ukoll il-verifika. Teżisti skema ta' verifika Ewropea li tista' tiġi użata, EuCertPlast.<sup>1</sup> Madankollu, ir-rapporteur jemmen li ċertifikat minn parti terza indipendenti jista' wkoll jkun ta' pass importanti 'l quddiem. L-iskema ta' ċertifikazzjoni QA-CER żviluppata mill-Assoċjazzjoni tal-Kwalità Belġjana tista' tipprovdi mudell għall-Ewropa<sup>2</sup>.

## 2) Jiġi promoss il-kontenut riċiklat

Ir-rapporteur jilqa' d-diversi impenji pubbliċi pożittivi dwar il-kontenut riċiklat li hađu atturi ewlenin tal-industrija, iżda jqis li huwa importanti li dawn l-impenji pubbliċi jiġu mibdula f'**wegħdiet konkreti**. Madankollu, dan l-approċċ volontarju waħdu mhuwiex biżżejjed: ir-rapporteur għalhekk jemmen li jistgħu jkunu meħtieġa **regolari obbligatorji dwar il-kontenut riċiklat għal prodotti speċifiċi**. Modulazzjonijiet tar-responsabbiltà estiża tal-produttur u tal-VAT jistgħu jkunu ta' appoġġ għal dan l-għan.

## 3) Disinn li jiffavorixxi ċ-ċirkolarità fl-akkwist

L-akkwist pubbliku u privat għandu s-setgħa li jixpruna l-innovazzjoni fil-mudelli ta' negozju. Madankollu, l-akkwist ċirkolari jibqa' l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. Sabiex jiġi inċentivat, jistgħu jittieħdu diversi azzjonijiet, anke fil-livell tal-UE: b'mod partikolari, jiġu stimulati u appoġġati l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iskambju tal-aħjar prattiki. L-UE tista' tistabbilixxi **network ta' tagħlim tal-UE dwar l-akkwist ċirkolari** sabiex jinġabru t-tagħlimiet miksuba minn diversi Ftehimiet Ekoloġiċi (pereżempju fir-reġjun tal-Fjandri<sup>3</sup> u fin-Netherlands<sup>4</sup>) u jingħata appoġġ għall-istabbiliment ta' ftehimiet futuri. Barra minn hekk, it-tagħlimiet miksuba minn azzjonijiet volontarji minn isfel għal fuq jistgħu jwittu t-triq għall-istabbiliment ta' **regoli vinkolanti dwar l-akkwist pubbliku ċirkolari**.

## 4) Interfaċċa tal-iskart ta' sustanzi kimiċi

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur jemmen li rabta mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, il-prodott u l-iskart, hija essenzjali għall-istabbiliment ta' suq uniku għall-plastik riċiklat. B'mod partikolari, ir-rapporteur iqis li hija neċessità assoluta li **jiżdiedu l-kontrolli fuq il-materjal importat**, filwaqt li jiġi sottolinjat li l-preżenza ta' sustanza ta' tħassib ma għandhiex tkun ġustifikazzjoni ġenerali għall-preklużjoni tar-riċiklaġġ ta' skart għall-applikazzjonijiet speċifiċi, definiti tajjeb u sikuri.

## 2.3 Prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-plastik

### 1) Plastik b'użu uniku

Aktar minn 80 % tal-iskart marittimu jiġi mill-plastik, li 50 % minnu ġej minn plastik b'użu uniku. Dawn in-numri juru li hemm raġunijiet leġittimi biex tittieħed azzjoni fuq dawn l-oġġetti li jintużaw darba biss. Ir-rapporteur għalhekk **huwa favur leġiżlazzjoni speċifika dwar il-plastik b'użu uniku** bl-għan li jitnaqqas l-iskart marittimu. Jenħtieġ qafas li jipprovdi set ta' miżuri possibbli lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, li huwa kompatibbli mal-integrità

<sup>1</sup> <https://www.eucertplast.eu/>

<sup>2</sup> [http://www.bqa.be/files/uploads/Audits/2016\\_BQA\\_folder\\_QA-CER.pdf](http://www.bqa.be/files/uploads/Audits/2016_BQA_folder_QA-CER.pdf)

<sup>3</sup> <http://vlaanderen-circulair.be/nl/onze-projecten/detail/green-deal-circulair-aankopen>

<sup>4</sup> <https://mvonederland.nl/green-deal-circulair-inkopen>

tas-suq uniku, li jipproduċi impatt ambjentali tanġibbli u pożittiv, u jipprovdi l-funzjonalità meħtieġa għall-konsumaturi;

Ir-rapporteur jenfasizza li hemm diversi modi kif jistgħu jintlaħqu rati għoljin ta' ġbir u riċiklaġġ u tnaqqis fl-iskart, inkluż permezz ta' skemi ta' rifiżżjoni tad-depożitu jew skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur; Huwa jissottolinja li l-għażla ta' skema partikolari tibqa' fi hdn il-kompetenza tal-awtorità kompetenti tal-Istati Membri, li tista' tqis l-ispeċifitàjiet lokali u tiżgura li ma tiġi ppreġudikata l-ebda sistema eżistenti li taħdem sew u li hija kosteffiċjenti; Huwa ħerqan ukoll li jissottolinja li l-politika fiskali tibqa' l-kompetenza tal-Istati Membri, u għalhekk, jopponi l-introduzzjoni ta' taxxa tal-plastik li tkun applikabbli għall-UE kollha bħala fluss potenzjali ta' riżorsa proprja tal-UE;

## 2) Plastik organiku

Hemm ħafna ideat żbaljati u nuqqas ta' fehim dwar il-plastik organiku, li jinkludi plastik bijodegradabbli, kompostabbli u bbażat fuq prodotti bijoloġiċi. Ir-rapporteur għalhekk jappoġġa lill-Kummissjoni għall-preżentazzjoni ta' **regoli armonizzati ċari kemm dwar il-kontenut b'bażi organika kif ukoll dwar il-bijodegradabbiltà**.

Il-plastik bijodegradabbli jista' element li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, iżda mhumiex rimedju universali għall-iskart marittimu. Ir-rapporteur għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa **lista ta' prodotti u applikazzjonijiet utli magħmula minn plastik bijodegradabbli**, ibbażata fuq kriterji ċari.

Barra minn hekk, il-**plastik b'bażi organika** jista' jkun parti minn soluzzjoni usa' peress li huwa joffri l-potenzjal għal differenzjazzjoni parzjali tal-materja prima u jista' jnaqqas id-dipendenza tar-riżorsi tal-UE fuq pajjiżi terzi. Ir-rapporteur jemmen li **jenħtieġ aktar investiment fir-riċerka u l-iżvilupp** f'dan il-qasam sabiex tiġi xprunata l-innovazzjoni.

Ir-rapporteur jappella wkoll għal **projbizzjoni totali fuq plastik ossodegradabbli**, peress li dan it-tip ta' plastik mhuwiex bijodegradabbli b'mod sikur, u għalhekk jonqos milli jagħti prova ta' benefiċċju ambjentali;

## 3) Mikroplastik

Ir-rapporteur jemmen li l-għażla l-aktar kosteffiċjenti hija li jiġi indirizzat l-użu tal-mikroplastik fis-sors. Huwa għalhekk jappella għal **projbizzjoni fuq il-mikroplastik li huma miżjuda intenzjonalment** fi prodotti, bħal kożmetiċi u prodotti tat-tindif, u li jeżistu alternattivi vijabbli għalihom. L-introduzzjoni reċenti tal-leġiżlazzjoni li tipprojbixxi l-użu ta' mikrożibeġ tal-plastik fi prodotti kożmetiċi tat-tlaħliħ f'uħud mill-Istati Membri, bħal pereżempju r-Renju Unit, hija prova li dan huwa possibbli.

Ir-rapporteur għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tistabilixxi **rekwiżiti minimi** fil-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti biex tnaqqas b'mod sinifikanti r-rilaxx ta' mikroplastiks mis-sors, b'mod partikolari fir-rigward tat-tessuti, tajers, żebgħa u loqom tas-sigaretti; Huwa jemmen li s-sejbiet tal-proġett MERMAIDS Life+<sup>1</sup>, li ffoka fuq il-mitigazzjoni tal-impatt tal-mikroplastik ikkawżat mill-proċessi tal-ħasil tat-tessuti, joffru osservazzjonijiet interessanti f'dan ir-rigward.

---

<sup>1</sup> <http://life-mermaids.eu/en/>

## 2.4 Innovazzjoni

L-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, u l-investimenti fl-infrastruttura huma kruċjali jekk l-UE tixtieq tirnexxi fl-iżvilupp ta' ekonomija tal-plastik ġdida. It-tħabbira tal-Kummissjoni li se tiġi investita s-somma addizzjonali ta' EUR 100 miljun sabiex tixpruna l-investment lejn soluzzjonijiet ċirkolari taħt Orizzont 2020 hija inkoraġġanti. Ir-rapporteur jappoġġa l-iżvilupp ta' Aġenda Strateġika ta' Riċerka u Innovazzjoni dwar il-plastik li għandha wkoll tħares lil hinn mill-2020.

Ir-rapporteur huwa konvint li oqsma bħar-riċiklaġġ tal-kimiki u l-applikazzjonijiet ta' użu u ħżin tal-karbonju (CCU), li jużaw id-dijossidu tal-karbonju bħala materja prima għandhom ikunu parti mill-aġenda ta' innovazzjoni. Huwa jistieden ukoll lill-Kummissjoni tkompli tibni fuq l-esperjenza ta' raggruppamenti tal-innovazzjoni eżistenzi, bħal Catalisti fil-Fjandri<sup>1</sup>.

## 2.5 Azzjoni Globali

Fuq livell internazzjonali, sforzi innovattivi u kosteffikaċi biex jiġi indirizzat l-iskart tal-plastik qegħdin jiġu żviluppati b'rata mgħaġġla. Jekk l-UE trid tmexxi l-aġenda globali tal-ekonomija ċirkolari u tħalli impatt, hija għalhekk jeħtiġilha tkun fuq quddiem nett u jkollha rwol proattiv fl-iżvilupp ta' **Protokoll Globali dwar il-Plastik**. Ir-rapporteur għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strument li jittraċċa l-impenji varji b'mod integrat u trasparenti.

## 3. Konklużjoni

Il-projbizzjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi tal-iskart tal-plastik toffri opportunità enormi għall-UE biex tippromwovi bidla trasformattiva u bidla lejn ekonomija ċirkolari tal-plastik. Jeħtieġ li nużaw dan il-momentum biex ninvestu u nkunu innovattivi. Jekk jirnexxilna fl-iżvilupp ta' approċċ olistiku li jkopri l-katina tal-valur kollha permezz ta' mudelli ċirkolari tan-negozju u tal-konsum, nistgħu noħolqu sitwazzjoni vantaġġjuża għall-partijiet interessati kollha involuti. **Nistgħu nikkonvertu ż-żoni tal-iskart mimlija plastik f'għelieqi tad-deheb.**

---

<sup>1</sup> <http://catalisti.be/>